



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0481/2013**

20.12.2013

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment (COM(2012)0744 – C7-0413/2012 – 2012/0360(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Klaus-Heiner Lehne

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- (III) Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa grassa u korsiva. Test korsiv normali huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa grassa. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	48
PROĊEDURA.....	50



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment (COM(2012)0744 – C7-0413/2012 – 2012/0360(COD))(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0744),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0413/2012),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0481/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1346/2000 għandu jiġi estiż għall-proċedimenti li jippromwovu s-salvataġġ ta' debitur *ekonomikament vijabbli* sabiex il-

*Emenda*

(3) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1346/2000 għandu jiġi estiż għall-proċedimenti li jippromwovu s-salvataġġ ta' debitur *bi problemi finanzjarji gravi* sabiex il-

<sup>1</sup> ĠU C 271, 19.9.2013, p. 55.

kumpaniji tajbin jingħataw għajna biex isalvaw u l-intraprendituri jingħataw ċans ieħor. Dan għandu jestendi l-iktar għall-proċedimenti li jipprovdu r-ristrutturazzjoni ta' debitur fl-istadju ta' qabel l-insolvenza jew li jħallu t-tmexxija eżistenti fejn hi. Ir-Regolament għandu jkopri wkoll dawk il-proċedimenti li jipprovdu l-għeluq tad-dejn tal-konsumaturi u l-persuni impjegati għal rashom li ma jissodisfawx il-kriterji tal-istrument attwali.

kumpaniji tajbin jingħataw għajna biex isalvaw u l-intraprendituri jingħataw ċans ieħor. Dan għandu jestendi l-iktar għall-proċedimenti li jipprovdu r-ristrutturazzjoni ta' debitur fl-istadju ta' qabel l-insolvenza jew li jħallu t-tmexxija eżistenti fejn hi. Ir-Regolament għandu jkopri wkoll dawk il-proċedimenti li jipprovdu l-għeluq tad-dejn tal-konsumaturi u l-persuni impjegati għal rashom li ma jissodisfawx il-kriterji tal-istrument attwali.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment għandhom jiġu *ċċarati* u l-qafas proċedurali għad-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni għandu jittejjeb. Għandu jkun hemm ukoll regola espliċita dwar il-ġurisdizzjoni għall-azzjonijiet li ġejjin direttament mill-proċedimenti ta' falliment **jew** li huma marbuta magħhom mill-qrib.

#### *Emenda*

(4) Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment għandhom jiġu *kjarifikati* u l-qafas proċedurali għad-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni għandu jittejjeb. Għandu jkun hemm ukoll regola espliċita dwar il-ġurisdizzjoni għall-azzjonijiet li ġejjin direttament mill-proċedimenti ta' falliment **u** li huma marbuta magħhom mill-qrib.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistentza mal-Artikolu 3a(1).*

## Emenda 3

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – punt 7 Regolament (KE) Nru 1346/2000 Premessa 9a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

"(9a) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jestendi għall-proċedimenti li jippromwovu s-salvataġġ

#### *Emenda*

"(9a) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jestendi għall-proċedimenti li jippromwovu s-salvataġġ

ta' debitur **ekonomikament vijabbli** sabiex negozji tajbin jingħataw għajnunha biex isalvaw u l-intraprendituri jingħataw çans ieħor. Dan għandu jestendi l-iktar għall-proċedimenti li jipprovdu r-ristrutturazzjoni ta' debitur fl-istadju ta' qabel l-insolvenza, proċedimenti li jħallu t-tmexxija eżistenti fejn hi u proċedimenti li jipprovdu l-għeluq tad-dejn tal-konsumaturi u l-persuni impjegati għal rashom. Peress li **dawn** il-proċedimenti ma jfissrux bilfors li jinħatar **likwidatur**, huma għandhom ikunu koperti minn dan ir-Regolament jekk iseħħu taħt il-kontroll jew sorveljanza ta' qorti. **F'dan il-kuntest, it-terminu "kontroll" għandu jinkludi sitwazzjonijiet fejn il-qorti tintervjeni biss wara appell minn kreditur jew parti interessata."**

ta' debitur **bi problemi finanzjarji serji** sabiex negozji tajbin jingħataw għajnunha biex isalvaw u l-intraprendituri jingħataw çans ieħor. Dan għandu jestendi l-iktar għall-proċedimenti li jipprovdu r-ristrutturazzjoni ta' debitur fl-istadju ta' qabel l-insolvenza, proċedimenti li jħallu t-tmexxija eżistenti fejn hi u proċedimenti li jipprovdu l-għeluq tad-dejn tal-konsumaturi u l-persuni impjegati għal rashom. Peress li **dawk** il-proċedimenti ma jfissrux bilfors li jinħatar **rappreżentant tal-insolvenza**, huma għandhom ikunu koperti minn dan ir-Regolament jekk iseħħu taħt il-kontroll jew sorveljanza ta' qorti.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-bidliet għall-Artikolu 3b.*

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 8**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(8) Il-premessa 10 tinbidel b'dan li ġej:**

**imħassar**

**"(10) Proċedimenti ta' falliment mhux neċessarjament jinvolve l-intervent ta' awtorità ġudizzjarja; l-espressjoni "qorti" f'dan ir-Regolament għandha tingħata tifsira wiesgħa u tinkludi persuna jew korp awtorizzat mil-liġi nazzjonali li jiftaħ proċedimenti ta' falliment. Biex japplika dan ir-Regolament, il-proċedimenti (inklużi atti u formalitajiet stabbiliti fil-liġi) ma għandux biss ikollhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, imma għandhom ikunu wkoll rikonoxxuti uffiċjalment u**

*jkollhom effett ġuridiku fl-Istat Membru fejn ikunu nfetħu l-proċedimenti ta' falliment."*

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mat-tħassir tal-Artikolu 3b(2).*

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Premessa 11

*Test fis-seħħ*

(11) Dan ir-Regolament għandu jagħraf illi b'riżultat ta' liġijiet sustantivi li huma differenti ħafna minn xulxin, mhux prattikabbli li jkunu introdotti proċedimenti ta' falliment fl-iskop universali ***tal-Komunità*** kollha. F'dan l-isfond, l-applikazzjoni mingħajr eċċezzjoni tal-liġi ta' l-Istat dwar ftuħ ta' proċedimenti ta' spiss twassal għal diffikultajiet. Dan japplika, per eżempju, għal liġijiet ferm differenti dwar interessi ta' garanziji li jinsabu ***fil-Komunità***. Barra minn hekk, id-drittijiet preferenzjali li jgawdu uħud mill-kredituri fi proċedimenti ta' falliment huma, f'ċerti każi, kompletament differenti. Dan ir-Regolament għandu jieħu konsiderazzjoni ta' dan b' żewġ modi differenti. Minn naħa l- waħda, għandhom jiġu magħmula regoli speċjali dwar l-applikabilità tal-liġi fil-każ ta' drittijiet partikolarment sinjifikanti u relazzjonijiet legali (e.g. drittijiet *in rem* u kuntratti ta' impjieg). Minn naħa l-oħra, proċedimenti nazzjonali li jkopru biss assi li jinstabu fl-Istat fejn hemm il-ftuħ, għandhom ukoll ikunu permissibli flimkien mal-proċedimenti prinċipali ta' falliment bl-iskop universali.

*Emenda*

#### ***(8a) Il-premessa 11 tinbidel b'dan li ġej:***

"(11) Dan ir-Regolament għandu jagħraf illi b'riżultat ta' liġijiet sustantivi li huma differenti ħafna minn xulxin, mhux prattikabbli li jkunu introdotti proċedimenti ta' falliment fl-iskop universali tal-***Unjoni*** kollha. F'dan l-isfond, l-applikazzjoni mingħajr eċċezzjoni tal-liġi ta' l-Istat dwar ftuħ ta' proċedimenti ta' spiss twassal għal diffikultajiet. Dan japplika, per eżempju, għal liġijiet ferm differenti dwar interessi ta' garanziji li jinsabu ***fl-Unjoni***. Barra minn hekk, id-drittijiet preferenzjali li jgawdu uħud mill-kredituri fi proċedimenti ta' falliment huma, f'ċerti każi, kompletament differenti. ***Iktar miżuri ta' armonizzazzjoni għandhom ukoll idaħħlu drittijiet ta' preferenza tal-imjegati.*** Dan ir-Regolament għandu jieħu konsiderazzjoni ta' dan b' żewġ modi differenti. Minn naħa l-waħda, għandhom jiġu magħmula regoli speċjali dwar l-applikabilità tal-liġi fil-każ ta' drittijiet partikolarment sinjifikanti u relazzjonijiet legali (e.g. drittijiet *in rem* u kuntratti ta' impjieg). Minn naħa l-oħra, proċedimenti nazzjonali li jkopru biss assi li jinstabu fl-Istat fejn hemm il-ftuħ, għandhom ukoll ikunu permissibli flimkien mal-proċedimenti prinċipali ta' falliment bl-



## Emenda 66

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 11

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Premessa 13a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13a) Il-preżunzjoni għandha tkun li ċ-  
"ċentru prinċipali ta' interessi" ta'  
kumpanija jew persuna ġuridika oħra jkun  
il-post fejn ikollha l-uffiċċju rreġistrat  
tagħha. Għandu jkun possibbli li din il-  
preżunzjoni tiġi kkontestata jekk l-  
amministrazzjoni ċentrali tal-kumpanija  
tkun tinsab fi Stat Membru ieħor li ma  
jkunx tal-uffiċċju rreġistrat tagħha u  
valutazzjoni komprensiva tal-fatturi  
rilevanti kollha tistabbilixxi, b'mod li jkun  
jista' jiġi aċċertat minn partijiet terzi, li ċ-  
ċentru ta' tmexxija u sorveljanza reali tal-  
kumpanija u tat-tmexxija tal-interessi  
tagħha jinsabu f'dak l-Istat Membru l-ieħor.  
***Kuntrarjament għal dan, ma għandux  
ikun possibbli li tiġi kkontestata l-  
preżunzjoni jekk il-korpi responsabbli  
mit-tmexxija u s-sorveljanza ta'  
kumpanija jkunu fl-istess post fejn hemm  
l-uffiċċju rreġistrat tagħha u d-  
deċiżjonijiet ta' tmexxija jittieħdu hemm  
b'mod li jista' jiġi aċċertat minn partijiet  
terzi.***

#### *Emenda*

(13a) Il-preżunzjoni għandha tkun li ċ-  
"ċentru prinċipali ta' interessi" ta'  
kumpanija jew persuna ġuridika oħra jkun  
il-post fejn ikollha l-uffiċċju rreġistrat  
tagħha. Għandu jkun possibbli li din il-  
preżunzjoni, ***b'mod partikolari***, tiġi  
kkontestata jekk l-amministrazzjoni  
ċentrali tal-kumpanija tkun tinsab fi Stat  
Membru ieħor li ma jkunx tal-uffiċċju  
rreġistrat tagħha u valutazzjoni  
komprensiva tal-fatturi rilevanti kollha  
tistabbilixxi, b'mod li jkun jista' jiġi  
aċċertat minn partijiet terzi, li ċ-  
ċentru ta' tmexxija u sorveljanza reali tal-kumpanija  
u tat-tmexxija tal-interessi tagħha jinsabu  
f'dak l-Istat Membru l-ieħor.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi kjarifikat li mhux biss id-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni imma wkoll fatturi oħra –  
bħall-post tal-assi prinċipali – huma rilevanti meta jiġi determinat iċ-ċentru prinċipali ta'  
interessi.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 12

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Premessa 19a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19a) Proċedimenti sekondarji jistgħu jxekklu l-amministrazzjoni effiċjenti tal-assi. Għalhekk, il-qorti li tiftaħ proċedimenti sekondarji, fuq talba ***tal-likwidatur***, għandha tkun tista' tipposponi jew tirrifjuta l-ftuħ jekk dawn il-proċedimenti ma jkunux neċessarji biex iħarsu l-interessi tal-kredituri lokali. Dan għandu jkun il-każ l-iktar jekk ***il-likwidatur***, permezz ta' impenn li jorbot lill-assi, jaqbel li jittratta lill-kredituri lokali bħallikieku nfetħu proċedimenti sekondarji u japplika r-regoli ta' klassifikazzjoni tal-Istat Membru fejn ikun intalab il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji meta jqassam l-assi li jinsabu f'dak l-Istat Membru. Dan ir-Regolament għandu jikkonferixxi fuq ***il-likwidatur il-possibilità*** li jagħmel impenji ta' dan it-tip.

#### *Emenda*

(19a) Proċedimenti sekondarji jistgħu jxekklu l-amministrazzjoni effiċjenti tal-assi. Għalhekk, il-qorti li tiftaħ proċedimenti sekondarji, fuq talba ***tar-rappreżentant tal-insolvenza***, għandha tkun tista' tipposponi jew tirrifjuta l-ftuħ jekk dawn il-proċedimenti ma jkunux neċessarji biex iħarsu l-interessi tal-kredituri lokali. Dan għandu jkun il-każ l-iktar jekk ***ir-rappreżentant tal-insolvenza***, permezz ta' impenn li jorbot lill-assi, jaqbel li jittratta lill-kredituri lokali bħallikieku nfetħu proċedimenti sekondarji u japplika r-regoli ta' klassifikazzjoni tal-Istat Membru fejn ikun intalab il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji meta jqassam l-assi li jinsabu f'dak l-Istat Membru. Dan ir-Regolament għandu jikkonferixxi fuq ***ir-rappreżentant tal-insolvenza l-possibilità*** li jagħmel impenji ta' dan it-tip ***u li jistabbilixxi l-kriterji minimi li għandhom jissodisfaw tali impenji.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għall-Artikolu 18.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 12

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Premessa 19b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19b) Sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tal-interessi lokali, ***il-likwidatur*** tal-

#### *Emenda*

(19b) Sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tal-interessi lokali, ***ir-rappreżentant tal-***

proċedimenti prinċipali ma għandux ikun jista' jirrealizza jew jirrikolloka l-assi li jinsabu fl-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment b'mod abbużiv, b'mod partikolari, bil-fini tal-frustrazzjoni tal-possibilità li dawn l-interessi jkunu effettivament sodisfatti jekk wara jinfetħu proċedimenti sekondarji.

**insolvenza** tal-proċedimenti prinċipali ma għandux ikun jista' jirrealizza jew jirrikolloka l-assi li jinsabu fl-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment b'mod abbużiv, b'mod partikolari, bil-fini tal-frustrazzjoni tal-possibilità li dawn l-interessi jkunu effettivament sodisfatti jekk wara jinfetħu proċedimenti sekondarji. ***Il-kredituri lokali għandhom ikunu wkoll intitolati li jitolbu miżuri protettivi minn qorti f'każi meta rappreżentant tal-insolvenza jidher li ma jkunx kapaċi jonora l-impenji.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għall-Artikolu 29a.*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – punt 14 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Jiddaħħlu l-premessi 20a u 20b li ġejjin:

*Emenda*

(14) Jiddaħħlu l-premessi 20a, **20aa** u 20b li ġejjin:

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – punt 14 Regolament (KE) Nru 1346/2000 Recital 20 a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20a) Dan ir-Regolament għandu jiżgura l-amministrazzjoni effiċjenti tal-proċedimenti ta' falliment marbutin ma' kumpaniji differenti li jiffurmaw parti minn grupp ta' kumpaniji. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment għal bosta kumpaniji tal-istess grupp, dawn il-proċedimenti għandhom ikunu kkoordinati sew. Għalhekk ***il-likwidaturi*** varji u l-qrati involuti għandu jkollhom l-istess obbligu

*Emenda*

(20a) Dan ir-Regolament għandu jiżgura l-amministrazzjoni effiċjenti tal-proċedimenti ta' falliment marbutin ma' kumpaniji differenti li jiffurmaw parti minn grupp ta' kumpaniji. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment għal bosta kumpaniji tal-istess grupp, dawn il-proċedimenti għandhom ikunu kkoordinati sew, ***b'mod partikolari sabiex tiġi evitata l-possibilità li l-insolvenza ta' membru***

ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni ma' xulxin b'hal dawk involuti fi proċedimenti prinċipali u sekondarji relatati mal-istess debitur. **Barra minn hekk, likwidatur maħtur fi proċedimenti relatati ma' membru ta' grupp ta' kumpaniji għandu jkollu locus standi biex jipproponi pjan ta' salvataġġ fil-proċedimenti li jikkonċernaw membru ieħor tal-istess grupp safejn din l-għodda tkun disponibbli fil-liġi nazzjonali tal-insolvenza.**

**wieħed tal-grupp tipperikola l-futur tal-membri l-oħra tal-grupp.** Għalhekk **ir-rappreżentanti tal-insolvenza** varji u l-grati involuti għandu jkollhom l-istess obbligu ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni ma' xulxin b'hal dawk involuti fi proċedimenti prinċipali u sekondarji relatati mal-istess debitur.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ispejgazzjonijiet fin-nota spjegattiva.*

### **Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 14**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Premessa 20aa (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(20aa) L-introduzzjoni ta' proċedimenti ta' koordinament tal-gruppi għandha b'mod partikolari ssaħħaħ ir-ristrutturar ta' grupp u/jew membri ta' grupp billi tagħmilha possibbli li l-proċedimenti ta' falliment jitwettqu b'mod koordinat flessibbli. Il-proċedimenti ta' koordinament tal-gruppi m'għandhomx jorbtu l-proċedimenti individwali imma għandhom pjuttost iservu ta' referenza għall-miżuri li għandhom jittieħdu f'dawk il-proċedimenti individwali.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ispejgazzjonijiet fin-nota spjegattiva.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 14

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Premessa 20b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20b) L-introduzzjoni ta' regoli dwar l-insolvenza ta' gruppi ta' kumpaniji ma għandhiex tillimita l-possibilità li qorti tiftaħ proċedimenti ta' falliment għal bosta kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp f'ġuriżdizzjoni waħda jekk il-qorti ssib li ċ-ċentru prinċipali tal-interessi ta' dawn il-kumpaniji jinsab **fi Stat Membru wieħed**. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-qorti għandha tkun tista' wkoll taħtar, jekk ikun xieraq, lill-istess **likwidatur** fil-proċedimenti kollha kkonċernati.

#### *Emenda*

(20b) L-introduzzjoni ta' regoli dwar l-insolvenza ta' gruppi ta' kumpaniji ma għandhiex tillimita l-possibilità li qorti tiftaħ proċedimenti ta' falliment għal bosta kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp f'ġuriżdizzjoni waħda jekk il-qorti ssib li ċ-ċentru prinċipali tal-interessi ta' dawn il-kumpaniji jinsab **fil-ġuriżdizzjoni nazzjonali u lokali tagħha**. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-qorti għandha tkun tista' wkoll taħtar, jekk ikun xieraq, lill-istess **rappreżentant tal-insolvenza** fil-proċedimenti kollha kkonċernati. **L-Istati Membri għandhom ukoll ikunu jistgħu jdaħħlu dispożizzjonijiet dwar l-insolvenza ta' gruppi ta' kumpaniji fil-ġuriżdizzjoni tagħhom li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u'ma jaffettwawx l-applikazzjoni effiċjenti u effettiva ta' dan ir-Regolament.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi kjarifikat li b'mod partikolari fir-rigward tal-insolvenza ta' gruppi, il-ġuriżdizzjoni lokali wkoll għandha rwol importanti. Peress li xi Stati Membri bħalissa qed jiddiskutu dwar l-introduzzjoni ta' regoli domestiċi dwar il-gruppi korporattivi fl-insolvenza, jeħtieġ li jiġi kjarifikat li dawn il-proċessi ta' riforma mhumiex imxekkla sakemm ir-regoli nazzjonali ma jimpedixxux il-funzjonament xieraq tar-Regolament.*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 21

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament japplika għall-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji, inklużi proċedimenti interim, li huma bbażati fuq liġi *relatata* mal-insolvenza *jew aġġustament tad-dejn* u fejn, għall-fini ta' *salvataġġ*, aġġustament tad-dejn, riorganizzazzjoni jew likwidazzjoni,

(a) id-debitur ikun totalment jew parzjalment ipprivat mill-assi tiegħu u nħatar *likwidatur*, jew

(b) l-assi u l-affarijiet tad-debitur ikunu suġġetti għall-kontroll jew is-sorveljanza ta' qorti.

Il-proċedimenti msemmija f'dan il-paragrafu jiġu elenkati fl-Anness A.

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 21**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Dan ir-Regolament japplika għall-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji, inklużi proċedimenti interim, li huma bbażati fuq liġi *marbuta* mal-insolvenza u fejn, għall-fini ta' *evitar tal-likwidazzjoni*, aġġustament tad-dejn, riorganizzazzjoni jew likwidazzjoni,

(a) id-debitur ikun totalment jew parzjalment ipprivat mill-assi tiegħu u nħatar *rappreżentant tal-insolvenza*, jew

(b) l-assi u l-affarijiet tad-debitur ikunu suġġetti għall-kontroll jew is-sorveljanza ta' qorti.

*Meta tali proċedimenti jistgħu jinbdew qabel l-insolvenza, l-iskop tagħhom irid ikun l-evitar tal-likwidazzjoni.*

Il-proċedimenti msemmija f'dan il-paragrafu jiġu elenkati fl-Anness A.

*Emenda*

*1a. Meta, skont il-liġi tal-Istat Membru fejn jinfetħu l-proċedimenti ta' falliment, il-proċedimenti msemmija fil-paragrafu 1 ikunu kunfidenzjali, dan ir-Regolament għandu japplika għal tali proċedimenti mill-mument biss meta dawn isiru pubbliċi f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat Membru u sakemm dawn ma jaffettwawx il-pretiżi ta' dawk il-kredituri li ma jkunux involuti fihom.*

## *Ġustifikazzjoni*

*Peress li tali proċedimenti huma realment kunfidenzjali, ikun inġust li l-effetti tagħhom jiġu estiżi għal partijiet li ma kienux involuti fil-proċediment.*

### **Emenda 15**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 21**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) *istituzzjonijiet* ta' kreditu,

#### *Emenda*

(b) *kwalunkwe istituzzjoni* ta' kreditu, *inklużi l-istituzzjonijiet definiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*/,*

---

*\* Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).*

### **Emenda 16**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 21**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) kumpaniji ta' investment safejn huma koperti mid-Direttiva 2001/24/KE kif emendata, u

#### *Emenda*

(c) kumpaniji ta' investment safejn huma koperti mid-Direttiva 2001/24/KE kif emendata, u *l-istituzzjonijiet soġġetti għad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament*

---

*\* Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 21**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) "*likwidatur*" tfisser

*(i) kull persuna jew korp li l-funzjoni tiegħu tkun li jamministra jew jillikwida l-assi li jkunu ġew ipprivat lid-debitur jew li jissorvelja l-amministrazzjoni tal-affarijiet tiegħu. Dawn il-persuni u korpi huma mniżżla fl-Anness C;*

*(ii) f'kawża li ma tinvolvix il-ħatra ta' likwidatur jew it-trasferiment tas-setgħat tad-debitur lil likwidatur, id-debitur jibqa' fil-pussess.*

*Emenda*

*(b) "rappreżentant tal-insolvenza" tfisser kull persuna jew korp li l-funzjoni tiegħu, inkluż fuq bażi proviżorja, tkun li jamministra, sew bis-sħiħ jew parzjalment, jew li jillikwida l-assi li jkunu ġew ipprivat lid-debitur jew li jissorvelja l-amministrazzjoni tal-affarijiet tiegħu. Dawn il-persuni u korpi huma mniżżla fl-Anness C;*

*(L-emenda, li timmira li tissostitwixxi l-kelma "likwidatur" b'"rappreżentant tal-insolvenza", tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fir-Regolament kollu.)*



## *Ġustifikazzjoni*

*Is-sostituzzjoni tal-kelma "likwidatur" b'"rappreżentant tal-insolvenza" hija emenda orizzontali. Dan it-terminu jintuża wkoll mill-UNCITRAL u, għad-differenza ta' likwidatur, jenfasizza wkoll l-għan li l-kumpaniji f'diffikultà jiġu salvati.*

### **Emenda 18**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 21**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) "debitur fil-pussess" tfisser debitur li jkun fuq il-konfront tiegħu proċedimenti ta' falliment li ma jinvolvu it-trasferiment sħiħ tad-drittijiet u d-dmirijiet ta' ġestjoni tal-beni tad-debitur lil rappreżentant tal-insolvenza u fejn, allura, id-debitur jibqa' mill-inqas parzjalment fil-kontroll tal-beni u n-negozju tiegħu;*

## *Ġustifikazzjoni*

*F'xi Stati Membri jeżistu proċedimenti ta' insolvenza magħrufa fejn id-debitur jibqa' fil-pussess.*

### **Emenda 19**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 21**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(c) "qorti" tfisser fl-artikoli kollha ħliel l-Artikolu 3b(2) il-korp ġudizzjarju jew kull korp kompetenti ieħor ta' Stat Membru li għandu s-setgħa jiftaħ il-proċedimenti ta' falliment, li jikkonferma dan il-ftuħ jew li jieħu deċiżjoni tul dawk il-proċedimenti;*

*(c) "qorti" tfisser il-korp ġudizzjarju li għandu s-setgħa jiftaħ il-proċedimenti ta' falliment, li jikkonferma dan il-ftuħ jew li jieħu deċiżjoni tul dawk il-proċedimenti;*

## Emenda 20

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 21

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt e

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) "iż-żmien tal-ftuħ ta' proċedimenti" tfisser iż-żmien meta s-sentenza li tiftaħ il-proċedimenti ta' falliment issir effettiva, sew jekk tkun **sentenza** finali **kif ukoll** jekk le;

#### *Emenda*

(e) "iż-żmien tal-ftuħ ta' proċedimenti" tfisser iż-żmien meta s-sentenza li tiftaħ il-proċedimenti ta' falliment issir effettiva, sew jekk tkun finali **jew** jekk le;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi kjarifikat li l-ikkontestar ta' sentenza hu irrelevanti biex jiġi determinat iż-żmien tal-ftuħ ta' proċedimenti.*

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 21

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt g

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(g) "stabiliment" tfisser kull post ta' operazzjoni fejn id-debitur iwettaq attività ekonomika mhux tranżitorja b'mezzi umani jew b'assi;

#### *Emenda*

(g) "stabiliment" tfisser kull post ta' operazzjoni fejn id-debitur iwettaq, **jew ikun wettaq fit-tliet xhur qabel it-talba għall-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza**, attività ekonomika mhux tranżitorja b'mezzi umani jew b'assi;

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 21

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt ga (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(ga) "azzjoni li tirriżulta direttament mill-**

*proċedimenti ta' falliment u li tkun marbuta mill-qrib magħhom” tfisser azzjoni diretta lejn il-ksib ta' sentenza li, minħabba s-sustanza tagħha, ma tistax, jew ma setgħetx, tinkiseb barra minn proċedimenti ta' insolvenza jew indipendentement minnhom, u li hija esklużivament ammissibbli meta l-proċedimenti ta' insolvenza jkunu għadhom pendent;*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi kjarifikat liema azzjonijiet huma koperti peress li dan hu importanti biex tiġi determinata l-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3a.*

#### **Emenda 23**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 21**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt gb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(gb) "dispożizzjoni dwar il-kumpens b'eżiġibilità antiċipata" tfisser dispożizzjoni kuntrattwali li fuq il-bażi tagħha, malli jseħħ avveniment predefinit fid-dispożizzjoni marbut ma' parti fil-kuntratt, l-obbligi tal-partijiet lejn xulxin li jkunu koperti mid-dispożizzjoni, sew jekk f'dak il-mument ikunu dovutu u pagabbli jew le, jiġu awtomatikament, jew b'għażla minn waħda mill-partijiet, imnaqqsa għal obbligu nett uniku jew sostitwit bih, sew b'novazzjoni, terminazzjoni jew b'mod ieħor, li jkun jirrappreżenta l-valur aggregat tal-obbligi flimkien, li jkun dovut u pagabbli minn parti waħda lill-oħra;*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mal-UNIDROIT.*

## Emenda 24

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 21

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt i

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) "grupp ta' kumpaniji" tfisser ***għadd ta' kumpaniji li jikkonsistu f'kumpanija*** prinċipali u ***kumpaniji*** sussidjarji;

*Emenda*

(i) "grupp ta' kumpaniji" tfisser ***kumpanija*** prinċipali u ***l-kumpaniji*** sussidjarji ***kollha tagħha***;

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza tal-punti (i) u (j) mad-Direttiva rilevanti.*

## Emenda 25

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 21

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt j

*Test propost mill-Kummissjoni*

(j) "kumpanija prinċipali" tfisser kumpanija li

***(i) ikollha maġġoranza tal-jeddijiet għall-voti tal-azzjonisti jew tal-membri f'kumpanija oħra ("kumpanija sussidjarja"); jew***

***(ii) tkun azzjonista jew membru tal-kumpanija sussidjarja u jkollha d-dritt li***

***(aa) taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, tat-tmexxija jew sorveljatorju ta' dik is-sussidjarja; jew***

***(bb) teżerċita influwenza dominanti fuq il-kumpanija sussidjarja skont kuntratt***

*Emenda*

(j) "kumpanija prinċipali" tfisser kumpanija li ***tikkontrolla kumpanija sussidjarja waħda jew iktar minn waħda. Kumpanija li tħejji dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandha titqies bħala kumpanija prinċipali;***

*iffirmat ma' dik is-sussidjarja jew dispożizzjoni fl-artikoli tagħha ta' assoċjazzjoni."*

---

*\* Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza tal-punti (i) u (j) mad-Direttiva rilevanti.*

#### **Emenda 26**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 21**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt ja (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ja) “funzjonijiet kruċjali fi ħdan il-grupp” tfisser*

*(i) il-kapaċità, qabel il-ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment fir-rigward ta' kwalunkwe membru tal-grupp, li jittieħdu u jiġu eżegwiti deċiżjonijiet ta' rilevanza strateġika għall-grupp jew partijiet minnu; jew*

*(ii) is-sinifikat ekonomiku fi ħdan il-grupp, li jiġu preżunt jekk il-membri jew il-membri tal-grupp jikkontribwixxu mill-inqas 10 fil-mija għad-dikjarazzjoni konsolidata tal-bilanċ u l-qligħ konsolidat.”*

## Emenda 27

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 22

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab iċ-ċentru prinċipali tal-interessi tad-debitur ikollu l-ġuriżdizzjoni biex jiftaħ il-proċedimenti ta' falliment ("il-proċedimenti prinċipali"). Iċ-ċentru prinċipali tal-interessi" jkun il-post fejn id-debitur iwettaq l-amministrazzjoni tal-interessi tiegħu fuq bażi regolari u li jista' jiġi aċċertat minn partijiet terzi.

#### *Emenda*

1. Il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab iċ-ċentru prinċipali tal-interessi tad-debitur ikollu l-ġuriżdizzjoni biex jiftaħ il-proċedimenti ta' falliment ("il-proċedimenti prinċipali"). Iċ-ċentru prinċipali tal-interessi" jkun il-post fejn id-debitur iwettaq l-amministrazzjoni tal-interessi tiegħu fuq bażi regolari ***mill-inqas tliet xhur qabel il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza jew tal-proċedimenti proviżorji*** u li jista' jiġi aċċertat minn partijiet terzi.

## Emenda 28

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 22

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 3 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta proċedimenti ta' falliment ***ikunu nfetħu*** skont il-paragrafu 1, kull proċediment miftuħ sussegwentament skont il-paragrafu 2 ikun proċediment sekondarju. F'dan il-każ, iż-żmien rilevanti għall-valutazzjoni ta' jekk id-debitur jippossjedix stabbiliment fit-territorju ta' Stat Membru ieħor ikun id-data tal-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali."

#### *Emenda*

3. Meta ***tkun ingħatat sentenza li tiftaħ*** proċedimenti ta' falliment skont il-paragrafu 1, kull proċediment miftuħ sussegwentament skont il-paragrafu 2 ikun proċediment sekondarju. F'dan il-każ, iż-żmien rilevanti għall-valutazzjoni ta' jekk id-debitur jippossjedix stabbiliment fit-territorju ta' Stat Membru ieħor ikun id-data tal-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali."

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mad-definizzjoni fl-Artikolu 2d.*

## Emenda 29

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 23

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2a – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun relatata ma' azzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali kontra l-istess konvenut, il-likwidatur jista' jressaq iż-żewġ azzjonijiet fil-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab domiċiljat il-konvenut, jew, fejn l-azzjoni tkun kontra bosta konvenuti, fil-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kwalunkwe wieħed minnhom ikun domiċiljat, iżda li dik il-qorti jkollha ġurisdizzjoni skont ir-regoli tar-Regolament (KE) Nru **44/2001**.

#### *Emenda*

2. Meta azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun relatata ma' azzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali kontra l-istess konvenut, ir-rappreżentant tal-insolvenza jista' jressaq iż-żewġ azzjonijiet fil-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab domiċiljat il-konvenut, jew, fejn l-azzjoni tkun kontra bosta konvenuti, fil-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kwalunkwe wieħed minnhom ikun domiċiljat, iżda li dik il-qorti jkollha ġurisdizzjoni skont ir-regoli tar-Regolament (UE) Nru **1215/2012 tal-Parlament EWropew u tal-Kunsill\***.

---

**\* Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).**

## Emenda 30

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 23

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 3a – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Għall-finijiet **ta' dan l-Artikolu, azzjonijiet** jitqiesu li jkunu relatati meta jkunu konnessi hekk mill-qrib illi jkun aktar konvenjenti illi jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex ikun evitat ir-

#### *Emenda*

3. Għall-finijiet **tal-paragrafu 2, l-azzjonijiet** jitqiesu li jkunu relatati meta jkunu konnessi hekk mill-qrib illi jkun aktar konvenjenti illi jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex ikun evitat ir-

riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati.

riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati.

## Emenda 31

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 23

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2b – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment skont il-liġi nazzjonali mingħajr deċiżjoni ta' qorti, il-likwidatur maħtur f'dawk il-proċedimenti għandu jeżamina jekk l-Istat Membru fejn il-proċedimenti huma pendent għandux il-ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 3. Fejn dan ikun il-każ, il-likwidatur jispeċifika fuq xiex tkun ibbażata l-ġuriżdizzjoni, u, b'mod partikolari, jekk il-ġuriżdizzjoni tkunx ibbażata fuq l-Artikolu 3(1) jew (2).**

**imħassar**

*Ġustifikazzjoni*

*Hu neċessarju kontroll minimu minn qorti meta jiġi stabbilit ċentru prinċipali tal-interessi.*

## Emenda 32

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 23

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 3b – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Kull kreditur jew parti interessata li jkollha r-residenza abitwali, id-domiċilju jew l-uffiċċju tagħha rreġistrat fi Stat Membru li mhux l-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti, ikollha d-dritt li tikkontesta d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali. ***Il-qorti li tiftaħ il-proċedimenti prinċipali jew il-likwidatur jinforma lill-kredituri, sakemm ikunu magħrufa, bid-***

3. Kull kreditur jew parti interessata li jkollha r-residenza abitwali, id-domiċilju jew l-uffiċċju tagħha rreġistrat fi Stat Membru li mhux l-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti, ikollha d-dritt li tikkontesta d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali ***abbażi ta' ġurisdizzjoni internazzjonali*** fi żmien ***tliet ġimgħat wara li l-informazzjoni dwar id-data tal-ftuħ***



*deċiżjoni* fi żmien *propizju biex jingħataw l-opportunità li jikkontestawha.*

*tal-proċedimenti ta' falliment tkun saret disponibbli pubblikament f'konformità mal-punt(a) tal-Artikolu 20a.*

*Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi kjarifikat li l-validità tad-deċiżjoni li jinfetħu proċedimenti tista' tiġi kkontestata fi żmien tliet ġimgħat wara l-pubblikazzjoni. Bil-pubblikazzjoni fir-reġistru m'għadx hemm bżonn li l-qorti jew ir-rappreżentant tal-insolvenza jinfurmaw lill-kredituri.*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 25**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 6a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Ftehimiet ta' netting*

*Dispożizzjonijiet dwar il-kumpens b'eżiġibilità antiċipata*

*Ftehimiet ta' kumpens ikunu rregolati biss mil-liġi tal-kuntratt li jirregola dawn il-ftehimiet."*

*Meta parti għal kuntratt li jkun fih dispożizzjoni dwar il-kumpens b'eżiġibilità antiċipata tkun istituzzjoni li tidħol fl-ambitu tad-Direttiva 2001/24/KE, tali dispożizzjoni dwar il-kumpens b'eżiġibilità antiċipata għandha tkun irregolata biss mil-liġi tal-kuntratt li jirregola tali dispożizzjoni.*

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mal-acquis.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 12

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*(26a) L-Artikolu 12 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:*

Artikolu 12

**Patenti tal-Komunità u trade marks**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, **patenti tal-Komunità, trade mark tal-Komunità jew xi** dritt ieħor simili stabbilit **b'liġi tal-Komunità** jista' jkun inkluż biss fil-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(1).

"Artikolu 12

**Privattivi Ewropej b'effett unitarju u marki kummerċjali Komunitarji**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, **privattiva Ewropea b'effett unitarju, marka kummerċjali Komunitarja jew kwalunkwe** dritt ieħor simili stabbilit **mid-dritt Komunitarja** jista' jkun inkluż biss fil-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(1)."

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mar-Regolament il-ġdid dwar il-privattivi unitarji.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 28 – sottopunt a**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 18 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. **Il-likwidatur** maħtur minn qorti li jkollha **ġuriżdizzjoni** bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) jista' jeżerċita s-setgħat kollha mogħtija lil bil-liġi tal-Istat li jiftaħ il-proċedimenti fi Stat Membru ieħor, sakemm l-ebda proċedimenti ta' falliment oħra ma jkunu nfetħu hemm u lanqas ma **jkunu ttieħdu hemm** ebda **miżuri** ta' preservazzjoni **kuntrarja** wara talba għal ftuħ ta' proċedimenti ta' falliment f'dak l-Istat. Bla ħsara għall-Artikoli 5 u 7, huwa jista', b'mod partikolari, ineħħi l-assi tad-debitur mit-terrorju tal-Istat Membru fejn ikunu. Huwa jista' jagħti wkoll l-impenn li d-drittijiet ta' distribuzzjoni u prijorità li jkollhom il-kredituri lokali kieku jkunu nfetħu proċedimenti sekondarji jkunu rispettati fil-proċedimenti prinċipali. Impenn ta' **dan it-tip ikun suġġett għar-rekwiżiti ta' forma**, jekk ikun hemm, tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali **u jkun eżegwibbli u vinkolanti fuq l-assi."**

*Emenda*

1. **Ir-rappreżenat tal-insolvenza** maħtur minn qorti li jkollha **ġuriżdizzjoni** bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) **jew, fil-każ ta' debitur fi proċedimenti ta' pussess f'konformità ma' dik il-ġuriżdizzjoni, jew ir-rappreżenat tal-insolvenza jew id-debitur**, jista' jeżerċita s-setgħat kollha mogħtija lil bil-liġi tal-Istat li jiftaħ il-proċedimenti fi Stat Membru ieħor, sakemm l-ebda proċedimenti ta' falliment oħra ma jkunu nfetħu hemm u lanqas ma **tkun ittieħdet** ebda **miżura kuntrarja** ta' preservazzjoni, wara talba għal ftuħ ta' proċedimenti ta' falliment f'dak l-Istat. Bla ħsara għall-Artikoli 5 u 7, huwa jista', b'mod partikolari, ineħħi l-assi tad-debitur mit-terrorju tal-Istat Membru fejn ikunu. Huwa jista' jagħti wkoll l-impenn li d-drittijiet ta' distribuzzjoni u prijorità li jkollhom il-kredituri lokali kieku jkunu nfetħu proċedimenti sekondarji jkunu rispettati fil-proċedimenti prinċipali. **Tali**

impenn *għandu jispeċifika l-preżunzjoni fattwali li jkun ibbażat fuqha, b'mod partikolari fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' pretiżi lokali dwar is-sistema ta' preferenza skont il-liġi li tirregola l-proċedimenti sekondarji, il-valur tal-beni li jistgħu jitqassmu fil-proċedimenti sekondarji, l-għażliet disponibbli biex jitwettaq tali valur, il-proporzjon tal-kredituri fil-proċedimenti prinċipali li jipparteċipaw fil-proċedimenti sekondarji u l-ispejjeż li jkollhom isostnu minħabba l-ftuħ tal-proċedimenti sekondarji. Ir-rekwiżiti dwar il-forma għandu jkollha l-impriża, jekk ikun hemm, għandhom jiġu stabbiliti mil-liġijiet tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament innifsu għandu jistabbilixxi l-kriterji minimi li impenn jeħtieġ li jissodisfa sabiex mhux biss iservi ta' ċarezza legali imma jipprovdi wkoll protezzjoni minima għall-kredituri lokali.*

#### **Emenda 36**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 29**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 20a – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) jekk id-debitur ikun kumpanija, in-numru tal-kumpanija u l-indirizz tas-sede soċjali tagħha;*

#### **Emenda 37**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 29**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 20d

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta proċedimenti prinċipali u sekondarji **jinfetħu fir-rigward ta' kumpanija jew persuna ġuridika jew individwu li jeżerċita negozju indipendenti jew attività professjonali**, il-qorti li tiftaħ proċedimenti ta' falliment tiżgura li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20a tkun ippubblikata immedjatament fir-reġistru ta' insolvenza tal-Istat fejn sar il-ftuħ."

*Emenda*

Meta **jinfetħu** proċedimenti prinċipali u sekondarji, il-qorti li tiftaħ proċedimenti ta' falliment tiżgura li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20a tkun ippubblikata immedjatament fir-reġistru ta' insolvenza tal-Istat fejn sar il-ftuħ. **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċedimenti għat-tneħħija ta' entrati mir-reġistru tal-insolvenza.**"

*Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi kjarifikat li l-pubblikazzjoni mhix limitata għal ċerti debitori.*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 30**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 21 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sakemm is-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza msemmija fl-Artikolu 20b tkun stabbilita, **il-likwidatur** jitlob li avviż tas-sentenza li tiftaħ proċedimenti ta' falliment u, fejn xieraq, id-deċiżjoni li taħtru, ikunu ppubblikati f'kull Stat Membru ieħor fejn hemm stabbiliment tad-debitur b'konformità mal-pubblikazzjoni stipulata f'dak l-Istat. Dik il-pubblikazzjoni tispeċifika **wkoll il-likwidatur maħtur u jekk ir-regola tal-ġuriżdizzjoni applikata tkunx dik skont l-Artikolu 3(1) jew (2).**

*Emenda*

1. Sakemm is-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza msemmija fl-Artikolu 20b tkun stabbilita, **ir-rappreżentant tal-insolvenza** jitlob li avviż tas-sentenza li tiftaħ proċedimenti ta' falliment u, fejn xieraq, id-deċiżjoni li taħtru, ikunu ppubblikati f'kull Stat Membru ieħor fejn hemm stabbiliment tad-debitur b'konformità mal-pubblikazzjoni stipulata f'dak l-Istat. Dik il-pubblikazzjoni tispeċifika **l-informazzjoni l-oħra kollha prevista fl-Artikolu 20a.**

## Emenda 39

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 30

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 21 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. *Il-likwidatur* jista' jitlob li l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu tkun ippubblikata f'kull Stat Membru ieħor fejn jinsabu assi *jew* kredituri tad-debitur skont il-proċedura stipulata f'dak l-Istat."

*Emenda*

2. *Ir-rappreżentant tal-insolvenza* jista' jitlob li l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu tkun ippubblikata f'kull Stat Membru ieħor fejn jinsabu assi, kredituri *jew debituri* tad-debitur skont il-proċedura stipulata f'dak l-Istat."

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza neċessarja fir-rigward tal-Artikolu 24.*

## Emenda 40

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 24 – paragrafu 2

*Test fis-seħħ*

2. Meta obbligu bħal dan jiġi onorat qabel ma l-pubblikazzjoni msemmija *fl-Artikolu* 21 tkun saret, il-persuna li tonora l-obbligu għandha tiġi meqjusa, fin-nuqqas ta' prova għal kuntrarju, li ma kienetx taf bil-ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment; meta l-obbligu jiġi onorat wara li tkun saret dik il-pubblikazzjoni, il-persuna li tonora l-obbligu għandha tiġi meqjusa, fin-nuqqas ta' prova għal kuntrarju, li kienet taf bil-ftuħ tal-proċedimenti.

*Emenda*

*(31a) Article 24(2) is replaced by the following:*

"2. Meta obbligu bħal dan jiġi onorat qabel ma tkun saret il-pubblikazzjoni msemmija *fl-Artikoli 20a jew* 21 , il-persuna li tonora l-obbligu għandha tiġi meqjusa, fin-nuqqas ta' prova għal kuntrarju, li ma kienetx taf bil-ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment; meta l-obbligu jiġi onorat wara li tkun saret dik il-pubblikazzjoni, il-persuna li tonora l-obbligu għandha tiġi meqjusa, fin-nuqqas ta' prova għal kuntrarju, li kienet taf bil-ftuħ tal-proċedimenti.

*Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi kjarifikat li l-pubblikazzjoni fir-reġistru hija koperta wkoll.*

## Emenda 41

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 32

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sentenzi mogħtija minn qorti li s-sentenza tagħha dwar il-ftuħ ta' proċedimenti tkun rikonoxxuta skont l-Artikolu 16 u li jikkonċernaw l-andament u l-għeluq ta' proċedimenti ta' falliment, u kompożizzjonijiet approvati minn dik il-qorti wkoll ikunu rikonoxxuti mingħajr ebda formalitajiet ulterjuri. **Dawn** is-sentenzi ikunu eżegwiti skont ***l-Artikoli 32 sa 56, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 34(2), tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.***

#### *Emenda*

1. Sentenzi mogħtija minn qorti li s-sentenza tagħha dwar il-ftuħ ta' proċedimenti tkun rikonoxxuta skont l-Artikolu 16 u li jikkonċernaw l-andament u l-għeluq ta' proċedimenti ta' falliment, u kompożizzjonijiet approvati minn dik il-qorti wkoll ikunu rikonoxxuti mingħajr ebda formalitajiet ulterjuri. **Dawk** is-sentenzi ikunu eżegwiti skont ***l-Artikoli 39 sa 46 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mar-Regolament il-ġdid Brussell I.*

## Emenda 42

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 34

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 29a – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-qorti ppreżentata b'talba għall-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji tavża minnufih ***likwidatur*** fil-proċedimenti prinċipali u tagħtih l-opportunità li jinstema' dwar it-talba.

#### *Emenda*

1. Il-qorti ppreżentata b'talba għall-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji tavża minnufih ***lir-rappreżentant tal-insolvenza*** fil-proċedimenti prinċipali u tagħtih l-opportunità li jinstema' dwar it-talba.

## Emenda 43

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 34

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2a – paragrafu 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fuq talba ***tal-likwidatur*** fil-proċedimenti prinċipali, il-qorti msemija fil-paragrafu 1 tipposponi d-deċiżjoni tal-ftuħ jew tirrifjuta l-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji jekk il-ftuħ ta' dawn il-proċedimenti ma tkunx neċessarja biex tħares l-interessi tal-kredituri lokali, b'mod partikolari, meta ***l-likwidatur*** fil-proċedimenti prinċipali ikun ta l-impenn imsemmi fl-Artikolu 18(1) u jimxi mat-termini tiegħu.

#### *Emenda*

2. Fuq talba ***tar-rappreżentant tal-insolvenza*** fil-proċedimenti prinċipali, il-qorti msemija fil-paragrafu 1 tipposponi d-deċiżjoni tal-ftuħ jew tirrifjuta l-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji jekk ir-rappreżentant tal-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali jforni provi biżżejjed li l-ftuħ ta' dawn il-proċedimenti ma tkunx neċessarja biex tħares l-interessi tal-kredituri lokali, b'mod partikolari, meta ***r-rappreżentant tal-insolvenza*** fil-proċedimenti prinċipali ikun ta l-impenn imsemmi fl-Artikolu 18(1) u jimxi mat-termini tiegħu.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika fir-rigward tal-obbligu tal-provi.*

## Emenda 44

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 34

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 29a – paragrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***2a. Il-kredituri lokali jkollhom il-jedd jikkontestaw id-deċiżjoni li jiġi pospost jew irrifjutat il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji fi żmien tliet ġimgħat wara li d-deċiżjoni tkun saret disponibbli għall-pubbliku skont il-punt (a) tal-Artikolu 20a.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi kjarifika li huwa possibbli kkontestar ta' deċiżjoni tal-qorti.*

### **Emenda 45**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 34**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 29a – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2b. Il-kredituri lokali jkollhom il-jedd jitolbu lill-qorti li tkun qed tmexxi l-proċedimenti prinċipali biex jeżiġu li r-rappreżentant tal-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali jieħu miżuri xierqa neċessarji biex jiproteġi l-interessi tal-kredituri lokali. Tali eżiġenza tista' tinkludi projbizzjoni kontra t-tneħħija tal-beni mill-Istat Membru li fih ikun ġie pospost jew irrifjutat il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji, posponiment tad-distribuzzjoni tal-introtji fil-proċedimenti prinċipali jew obbligu fuq ir-rappreżentant tal-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali li jipprovdi sigurtà għall-prestazzjoni tal-impenji.*

### **Emenda 46**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 34**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 29a – paragrafu 2c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2c. Il-Qorti msemmija fil-paragrafu 1 tista' taħtar fiduċjarju li s-setgħat tiegħu jkun ristrestti. Il-fiduċjarju jżgura li l-impenn jitwettaq b'mod dovut u jipparteċipa fl-implimentazzjoni tiegħu jekk dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni*



*tal-interessi tal-kredituri lokali. Il-fiduċjarju għandu d-dritt li jagħmel petizzjoni f'konformità mal-paragrafu 2b.*

## **Emenda 47**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 34**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 29a – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. ***Il-likwidatur*** fil-proċedimenti prinċipali jiġi avżat bid-deċiżjoni tal-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji u ***għandu*** jkollu d-dritt li jikkontesta dik id-deċiżjoni."

#### *Emenda*

4. ***Ir-rappreżentant tal-insolvenza*** fil-proċedimenti prinċipali jiġi avżat ***immedjatament*** bid-deċiżjoni tal-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji u jkollu d-dritt li jikkontesta dik id-deċiżjoni ***fi żmien tliet ġimgħat minn meta jirċievi dik in-notifika. F'każijiet ġustifikati l-qorti li tiftaħ proċedimenti sekondarji tista' tqassar dak il-perjodu sa mhux inqas minn ġimgħa mir-riċevuta tan-notifika.***"

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza legali qed jiddaħħal limitu ta' żmien.*

## **Emenda 48**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 35**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 31 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Il-likwidatur*** fil-proċedimenti ***prinċipali u l-likwidaturi fil-proċedimenti sekondarji*** jikkooperaw ma' xulxin sakemm din il-kooperazzjoni ma tkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli għal kull wieħed mill-proċedimenti. Din il-kooperazzjoni tista' tkun f'forma ta' ftehimiet jew protokolli.

#### *Emenda*

1. ***Ir-rappreżentanti tal-insolvenza*** fil-proċedimenti ***tal-insolvenza li jikkonċernaw l-istess debitur*** jikkooperaw ma' xulxin sakemm din il-kooperazzjoni ***tkun xierqa biex tiffaċilita l-amministrazzjoni effettiva tal-proċedimenti,*** ma tkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli għal kull wieħed

mill-proċedimenti **u ma tinvolvi ebda kunflitt ta' interessi**. Din il-kooperazzjoni tista' tkun f'forma ta' ftehimiet jew protokolli.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mal-Artikolu 42a kif dikjarat fil-premessa 20a. Il-bilda tiċċara wkoll li l-proċedimenti territorjali huma koperti.*

#### **Emenda 49**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 36**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 31a – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex ikun iffaċilitat il-koordinament ta' proċedimenti ta' falliment **prinċipali u sekondarji** li jikkonċernaw lill-istess debitur, il-qorti li jkollha talba pendenti quddiemha għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti tikkoopera ma' kull qorti oħra li jkollha proċedimenti ta' falliment pendenti quddiemha jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti sakemm **dik il-kooperazzjoni** ma tkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli ta' kull wieħed mill-proċedimenti. Għal din il-fini, il-qrati jistgħu, fejn xieraq, jaħtru persuna jew korp **li** jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tagħha.

#### *Emenda*

1. Sabiex ikun iffaċilitat il-koordinament ta' proċedimenti ta' falliment li jikkonċernaw lill-istess debitur, il-qorti li jkollha talba pendenti quddiemha għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti tikkoopera ma' kull qorti oħra li jkollha proċedimenti ta' falliment pendenti quddiemha jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti sakemm **tali kooperazzjoni tkun xierqa biex tiffaċilita l-amministrazzjoni effettiva tal-proċedimenti u** ma tkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli ta' kull wieħed mill-proċedimenti. Għal din il-fini, il-qrati jistgħu, fejn xieraq, jaħtru persuna jew korp **biex** jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tagħha, **sakemm dan ma jkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli għall-proċedimenti**.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mal-Artikolu 42b kif dikjarat fil-premessa 20a.*

## Emenda 50

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 36

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 31b – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex ikun iffaċilitat il-koordinament tal-proċedimenti ta' falliment **prinċipali u sekondarji** miftuħa fir-rigward tal-istess debitur,

#### *Emenda*

1. Sabiex ikun iffaċilitat il-koordinament tal-proċedimenti ta' falliment miftuħa fir-rigward tal-istess debitur,

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mal-Artikolu 42c kif dikjarat fil-premessa 20a.*

## Emenda 51

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 36

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 31b – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***f'kull każ sal-punt li tali kooperazzjoni u komunikazzjoni jkunu xierqa sabiex jiġi ffaċilitat il-koordinament tal-proċedimenti, ma jkunux inkompatibbli mar-regoli applikabbli għal kull wieħed mill-proċedimenti u ma jinvolvu ebda kunflitt ta' interessi.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsistenza mal-Artikolu 42c kif dikjarat fil-premessa 20a.*

## Emenda 52

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 38

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 34 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta jinfetħu proċedimenti sekondarji li jikkonċernaw persuna ġuridika fl-Istat Membru tal-uffiċċju rreġistrat ta' dik il-persuna u l-għeluq ta' dawk il-proċedimenti jgħib miegħu x-xoljiment tal-persuna ġuridika, ***dak ix-xoljiment ma jipprevjenix it-tkomplija tal-proċedimenti prinċipali li jkunu nfetħu fi Stat Membru ieħor.***"

*Emenda*

2. Meta jinfetħu proċedimenti sekondarji li jikkonċernaw persuna ġuridika fl-Istat Membru tal-uffiċċju rreġistrat ta' dik il-persuna u l-għeluq ta' dawk il-proċedimenti jgħib miegħu x-xoljiment tal-persuna ġuridika, ***il-persuna legali kkonċernata ma titħassarx mir-reġistru tal-kumpanija sakemm jingħalqu l-proċedimenti prinċipali.***

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika għas-sitwazzjonijiet fejn iċ-ċentru prinċipali ta' interessi u s-sede reġistrata tal-kumpanija jkunu separati.*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 45**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jesploraw il-possibilitajiet għar-ristrutturazzjoni tal-grupp u, fejn dawn il-possibilitajiet ikunu jeżistu, jikkoordinaw fir-rigward tal-proposta u n-negozjati ta' pjan ta' ristrutturazzjoni kkoordinat;

*Emenda*

(b) jesploraw il-possibilitajiet għar-ristrutturazzjoni ***tal-membri*** tal-grupp ***suġġetti għall-proċedimenti ta' insolvenza*** u, fejn dawn il-possibilitajiet ikunu jeżistu, jikkoordinaw fir-rigward tal-proposta u n-negozjati ta' pjan ta' ristrutturazzjoni kkoordinat;

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 45**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42b – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta proċedimenti ta' falliment ikunu relatati ma' żewġ membri jew iktar ta'

*Emenda*

1. Meta proċedimenti ta' falliment ikunu relatati ma' żewġ membri jew iktar ta'

grupp ta' kumpaniji, qorti li jkollha pendenti quddiemha talba għall-ftuħ ta' proċedimenti li jikkonċernaw membru tal-grupp jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti tikkoopera ma' kull qorti oħra li jkollha pendenti quddiemha talba għall-ftuħ ta' proċedimenti li jikkonċernaw membru ieħor tal-istess grupp jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti sakemm dik il-kooperazzjoni tkun xierqa biex tiffaċilita l-amministrazzjoni effettiva tal-proċedimenti u ma tkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli għalihom Għal din il-fini, il-qrati jistgħu, fejn xieraq, jaħtru persuna jew korp li jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tagħha.

grupp ta' kumpaniji, qorti li jkollha pendenti quddiemha talba għall-ftuħ ta' proċedimenti li jikkonċernaw membru tal-grupp jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti tikkoopera ma' kull qorti oħra li jkollha pendenti quddiemha talba għall-ftuħ ta' proċedimenti li jikkonċernaw membru ieħor tal-istess grupp jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti sakemm dik il-kooperazzjoni tkun xierqa biex tiffaċilita l-amministrazzjoni effettiva tal-proċedimenti u ma tkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli għalihom Għal din il-fini, il-qrati jistgħu, fejn xieraq, jaħtru persuna jew korp biex jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tagħha, **sakemm dan ma jkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli għall-proċedimenti.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika peress li dan japplika wkoll għall-qrati.*

#### **Emenda 55**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – punt 45**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Article 42 c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

**Likwidatur** maħtur fi proċedimenti ta' falliment jikkonċernaw membru ta' grupp ta' kumpaniji jikkoopera u jikkomunika ma' kull qorti li jkollha pendenti quddiemha talba għall-ftuħ ta' proċedimenti fir-rigward ta' membru ieħor tal-istess grupp ta' kumpaniji jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti sakemm dik il-kooperazzjoni tkun xierqa biex tiffaċilita l-koordinament tal-proċedimenti **u** ma tkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli għalihom. B'mod partikolari, **il-likwidatur** jista' jitlob lil dik il-qorti informazzjoni li tikkonċerna l-proċedimenti li jirrigwardaw membru ieħor tal-grupp jew jitlob assistenza li

#### *Emenda*

**Rappreżentant tal-insolvenza** maħtur fi proċedimenti ta' falliment jikkonċernaw membru ta' grupp ta' kumpaniji jikkoopera u jikkomunika ma' kull qorti li jkollha pendenti quddiemha talba għall-ftuħ ta' proċedimenti fir-rigward ta' membru ieħor tal-istess grupp ta' kumpaniji jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti sakemm dik il-kooperazzjoni tkun xierqa biex tiffaċilita l-koordinament tal-proċedimenti, ma tkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli għalihom **u ma tinvolvi ebda kunflitt ta' interessi.** B'mod partikolari, **ir-rappreżentant tal-insolvenza** jista' jitlob lil dik il-qorti informazzjoni li tikkonċerna l-

tikkonċerna l-proċedimenti fejn ġie maħtur.

proċedimenti li jirrigwardaw membru ieħor tal-grupp jew jitlob assistenża li tikkonċerna l-proċedimenti fejn ġie maħtur.

### *Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi kjarifikat li l-kunflitti ta' interess joħolqu limiti għall-kooperazzjoni bejn il-qradi u r-rappreżentanti tal-insolvenza.*

### **Emenda 56**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 45**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42d – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) li jitlob sospensjoni tal-proċedimenti miftuħa fir-rigward ta' kwalunkwe membru ieħor tal-istess grupp;

#### *Emenda*

(b) li jitlob, ***għal perjodu ta' mhux iktar minn xahrejn***, sospensjoni tal-proċedimenti miftuħa fir-rigward ta' kwalunkwe membru ieħor tal-istess grupp;

### **Emenda 57**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 45**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42d – paragrafu 1 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

***(c) li jipproponi pjan ta' salvataġġ, kompożizzjoni jew miżura komparabbli għal kulħadd jew għal xi membri tal-grupp li jkunu infetħulhom proċedimenti ta' falliment u biex jintroduċuh fi kwalunkwe wieħed mill-proċedimenti miftuħa fir-rigward ta' membru ieħor tal-istess grupp skont il-liġi applikabbli għal dawk il-proċedimenti; and***

#### *Emenda*

***imħassar***

## Emenda 58

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 45

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42d – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(d) li jitlob kull miżura proċedurali addizzjonali skont il-liġi msemmija fil-punt c) li tista' tkun neċessarja għall-promozzjoni tas-salvataġġ, inkluża l-konverżjoni tal-proċedimenti.*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 59

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 45

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42d – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-qorti li tkun *fether* proċedimenti msemmija fil-punt b) tal-paragrafu 1 tissospendi l-proċedimenti kompletament jew parzjalment jekk jintwera li dik is-sospensjoni tkun għall-benefiċċju tal-kredituri f'dawk il-proċedimenti. *Dik is-sospensjoni* tista' tiġi ordnata għal sa *tliet xhur u tista' titkompla jew tiġġedded għall-istess perjodu*. Il-qorti li tordna s-sospensjoni titlob *lil-likwidatur* jieħ u kull miżura xierqa għall-garanzija tal-interessi tal-kredituri fil-proċedimenti."

*Emenda*

2. Il-qorti li tkun *fetħet* proċedimenti msemmija fil-punt b) tal-paragrafu 1 tissospendi l-proċedimenti kompletament jew parzjalment jekk jintwera li dik is-sospensjoni tkun għall-benefiċċju tal-kredituri f'dawk il-proċedimenti. *Tali sospensjoni* tista' tiġi ordnata għal sa *xahrejn*. Il-qorti li tordna s-sospensjoni titlob *lir-rappreżentant tal-insolvenza* jieħ u kull miżura xierqa għall-garanzija tal-interessi tal-kredituri fil-proċedimenti."

## Emenda 60

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 45

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42da (ġdid)

**Artikolu 42da**

**Ftuħ ta' proċedimenti ta' koordinament tal-gruppi**

**1. Il-proċedimenti ta' koordinament tal-grupp jistgħu jinfetħu minn rappreżentant tal-insolvenza fi kwalunkwe qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-proċedimenti tal-falliment ta' membru tal-grupp, sakemm:**

**(a) il-proċedimenti ta' falliment fir-rigward ta' dak il-membru tal-grupp ikunu pendenti; u**

**(b) il-membri tal-grupp li jkollhom iċ-ċentru ta' interessi prinċipali tagħhom fl-Istat Membru tal-qorti li jkun sar riferiment għaliha biex tiftaħ il-proċedimenti ta' koordinament tal-grupp iwettqu funzjonijiet kruċjali fi ħdan il-grupp.**

**2. Meta jsir riferiment għal iktar minn qorti waħda biex jiftħu l-proċedimenti ta' koordinament tal-grupp, il-proċedimenti ta' koordinament tal-grupp jinfetħu fl-Istat Membru fejn jitwettqu l-funzjonijiet l-iktar kruċjali tal-grupp. F'dak il-każ, il-qorti li jsir riferiment għalihom jikkomunikaw u jikkooperaw ma' xulxin f'konformità mal-Artikolu 42b. Meta ma jkunux jistgħu jiġu determinata l-funzjonijiet l-iktar kruċjali, l-ewwe qorti li jkun sar riferiment għaliha tista' tiftaħ proċedimenti ta' koordinament tal-grupp sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' tali proċedimenti.**

**3. Meta l-proċedimenti ta' koordinament tal-grupp ikunu nfetħu, id-dritt tar-rappreżentanti tal-insolvenza li jitolbu sospensjoni tal-proċedimenti f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 42d(1) ikun suġġett għall-approvazzjoni tal-koordinatur. Is-sospensjonijiet eżistenti jibqgħu fis-seħħ u effettivi, suġġetti għas-**



*setgħa tal-koordinatur li jitolb it-tmiem ta' kwalunkwe sospensjoni bħal din.*

## **Emenda 61**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 45**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42db (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 42db**

##### **Kompiti u drittijiet tal-koordinatur**

**1. Il-qorti li tiftaħ il-proċedimenti ta' koordinament tal-grupp taħtar koordinatur. Il-koordinatur ikun indipendenti mill-membri tal-grupp u l-kredituri tagħhom u jkollu l-kompitu li:**

**(a) jidentifika u jiddeskrivi rakkomandazzjonijiet proċedurali u sustantivi għat-twettiq koordinat tal-proċedimenti tal-falliment;**

**(b) jimmedja f'tilwim li jqum bejn żewġ rappreżentanti tal-insolvenza tal-grupp tal-membri jew iktar minn tnejn; u**

**(c) jippreżenta pjan ta' koordinament tal-grupp li jidentifika, jiddeskrivi u jirrakkomanda firxa komprensiva ta' miżuri xierqa għal approċċ integrat għar-riżoluzzjoni tal-insolvenzi tal-membri tal-grupp. B'mod partikolari, il-pjan jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar:**

**(i) il-miżuri li għandhom jittiedhu sabiex jiġu stabbiliti mill-ġdid ir-rendiment ekonomiku u s-solidezza finanzjarja tal-grupp jew kwalunkwe parti minnu;**

**(ii) is-soluzzjoni ta' tilwim fil-grupp innifsu, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżazzjonijiet u azzjonijiet ta' evitar fil-grupp stess;**

**(iii) ftehimiet bejn ir-rappreżentanti tal-insolvenza tal-membri tal-grupp**

*insolventi.*

**2. Il-koordinatur ikollu d-dritt li:**

*(a) jinstema' u jipparteċipa, b'mod partikolari billi jattendi laqgħat tal-kredituri, fi kwalunkwe wieħed mill-proċedimenti miftuħa fir-rigward ta' kwalunkwe membru ieħor tal-istess grupp;*

*(b) jippreżenta u jispjega pjan ta' koordinament tal-grupp approvat skont it-termini tal-Artikolu 42dc(3);*

*(c) jitlob informazzjoni minn kwalunkwe rappreżentant tal-insolvenza li tkun utli jew tista' tkun utli biex jiġu identifikati u deskritti strateġiji u miżuri sabiex jiġu koordinati l-proċedimenti; u*

*(d) jitlob sospensjoni għal perjodu ta' sa tliet xhur tal-proċedimenti miftuħa fir-rigward ta' kwalunkwe membru ieħor tal-grupp u jitlob it-tmiem ta' kwalunkwe sospensjoni bħal din.*

## **Emenda 62**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 45**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42dc (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 42dc**

**Approvazzjoni tal-qorti tal-pjan ta' koordinament tal-grupp**

**1. Ir-rappreżentanti tal-insolvenza maħtura għall-proċedimenti ta' falliment li jistgħu jiġu affettwati mill-implimentazzjoni ta' pjan ta' koordinament tal-grupp jistgħu jikkummentaw dwar l-abbozz tal-pjan ta' koordinament tal-grupp f'perjodu ta' mhux iktar minn xahar stabbilit mill-koordinatur meta jissottometti l-pjan.**

**2. L-abbozz ta' pjan sottomess għall-  
approvazzjoni tal-qorti jkun akkumpanjat  
minn:**

**(a) rappreżentazzjoni tal-koordinatur  
dwar kif ġie osservat il-paragrafu 1;**

**(b) il-kummenti li mir-rappreżentanti tal-  
insolvenza mill-mument tas-sottomissjoni  
tal-abbozz ta' pjan; u**

**(c) dikjarazzjoni raġonata mill-  
koordinatur dwar kif il-kummenti ġew jew  
ma ġewx riflessi fl-abbozz ta' pjan.**

**3. Il-qorti tapprova l-pjan jekk tkun  
sodisfatta li l-koordinatur mexxa mar-  
rekwiżiti formali tal-paragrafu 2 u tal-  
punt (c) tal-Artikolu 42db(1).**

## **Emenda 63**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 45**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42dd (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 42dd**

**Relazzjoni bejn il-proċedimenti ta'  
koordinament tal-grupp u l-proċedimenti  
ta' insolvenza**

**1. Fit-twettiq tal-proċedimenti tagħhom  
ta' falliment ir-rappreżentanti tal-  
insolvenza jkollhom dmir li jqisu r-  
rakkomandazzjonijiet tal-koordinatur u l-  
pjan ta' koordinament tal-grupp. Meta  
rappreżentant tal-insolvenza jkollu l-  
intenzjoni li jiddevja mill-miżuri jew l-  
azzjonijiet prposti fil-pjan ta'  
koordinament tal-grupp, dan għandu  
jispjega r-raġunijiet għal tali devjazzjoni  
fil-laqgħa tal-kredituri jew lil kwalunkwe  
korp ieħor li jkun responsabilizzat  
quddiemu skont il-liġijiet tal-Istat  
Membru rilevanti.**

**2. In-nonosservanza tal-paragrafu 1 għandha titqies bħala ksur tad-dmirijiet tar-rappreżentant tal-insolvenza skont il-liġijiet tal-Istat Membru relevanti.**

## **Emenda 64**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 45**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42de (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 42de**

##### **Responsabilizzazzjoni tal-koordinatur**

**Il-koordinatur jaqdi dmirijietu bl-attenzjoni dovuta. Dan ikun responsabbli fir-rigward tal-beni tal-proċedimenti ta' falliment koperti mill-proċedimenti ta' koordinament tal-grupp għad-dannu li jista' jiġi attribwit b'mod raġonevoli għal ksur ta' dawk id- dmirijiet. Ir-responsabilizzazzjoni tkun stabbilita f'konformità mal-liġi tal-Istat Membri fejn ikunu nfetħu l-proċedimenti ta' koordinament.**

## **Emenda 65**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 45**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42df (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 42df**

##### **Spejjeż**

**1. Il-liġijiet tal-Istati Membri jagħmlu dispożizzjoni għat-tariffi tal-qorti u r-rimunerazzjoni tal-koordinatur.**

**2. L-ispejjeż fil-proċedimenti ta' koordinament tal-grupp għandhom jiġu**

*sostnuti pro rata mill-membri tal-grupp li fir-rigward tagħhom kienu nfetħu proċedimenti ta' insolvenza fil-mument tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' koordinament. Is-sehem li għandu jiġi sostnut kull membru tal-grupp għandu jkun ikkalkulat b'referenza għas-sehem tal-valur tal-assi ta' tali membru fil-beni konsolidati tal-membri kollha tal-grupp li fir-rigward tagħhom kienu nfetħu proċedimenti ta' insolvenza.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-elaborazzjoni fin-nota spjegattiva.*

### **Emenda 66**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 47**

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 45 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. **Sabiex tinbeda emenda fl-Anness A**, l-Istati Membri javżaw lill-Kummissjoni bir-regoli nazzjonali tagħhom dwar il-proċedimenti ta' falliment li **jridu li jkunu inklużi fl-Anness A**, flimkien ma' deskrizzjoni qasira. Il-Kummissjoni teżamina jekk ir-regoli nnotifikati jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 u, **fejn ikun** il-każ, temenda l-Anness A permezz ta' att iddelegat."

#### *Emenda*

2. L-Istati Membri javżaw lill-Kummissjoni bir-regoli nazzjonali tagħhom dwar il-proċedimenti ta' falliment li **jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 1**, flimkien ma' deskrizzjoni qasira Il-Kummissjoni teżamina jekk ir-regoli nnotifikati jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 u, **meta jkun** il-każ, temenda l-Anness A permezz ta' att iddelegat.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Mhux kompitu tal-Istati Membri li jiddeċiedu liema proċedimenti jaqgħu taħt l-Anness A. Jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 1 jkunu ġew issodisfati, l-Istati Membri jeħtieġu javżaw.*

## Emenda 67

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 47

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 45 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe tibdil sostanzjali li jaffettwa r-regoli nazzjonali tagħhom dwar il-proċedimenti ta' falliment. Il-Kummissjoni teżamina jekk ir-regoli emendati jissodisfawx il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1 u, meta jkunu jissodisfawhom, temenda l-Anness A permezz ta' atti ddelegati."**

*Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi kjarifikat li anke t-tibdil sostanzjali jeħtieġ li jiġi notifikat.*

## Emenda 68

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 50

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 1a – paragrafu 46

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. **L-Istati Membri** japplikaw **id-Direttiva 95/46/KE** għall-ipproċessar **tad-dejta** personali li jsir fl-Istati Membri skont dan ir-Regolament.

1. **Ir-regoli nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 95/46/KE għandhom** japplikaw għall-ipproċessar **tad-data** personali li jsir fl-Istati Membri skont dan ir-Regolament **sakemm l-operazzjonijiet tal-ipproċessar imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 95/46/KE ma jiġux affettwati.**

*Ġustifikazzjoni*

*Dan it-tibdil jirrifletti r-rakkomandazzjoni preżentati fl-opinjoni tas-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data.*

## Emenda 69

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1346/2000  
Anness C – DEUTSCHLAND

### *Test fis-seħħ*

DEUTSCHLAND

- Konkursverwalter
- Vergleichsverwalter
- Sachwalter (nach der Vergleichsordnung)
- Verwalter
- Insolvenzverwalter
- Sachwalter (nach der Insolvenzordnung)
- Treuhänder
- Vorläufiger Insolvenzverwalter

### *Emenda*

**(51a) Fl-Anness C, it-taqsimha bl-isem**  
**'DEUTSCHLAND' tiġi emendata kif ġej:**

"DEUTSCHLAND

- Konkursverwalter
- Vergleichsverwalter
- Sachwalter (nach der Vergleichsordnung)
- Verwalter
- Insolvenzverwalter
- Sachwalter (nach der Insolvenzordnung)
- Treuhänder
- Vorläufiger Insolvenzverwalter
- ***Vorläufiger Sachwalter***"

### *Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġi rifless it-tibdil għall-Artikolu 2(b)(i).*

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tal-Kummissjoni hija inizjattiva importanti li talab il-Parlament fir-rapport tiegħu b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-proċedimenti ta' falliment fil-kuntest tal-liġi tal-UE dwar il-kumpaniji (2011/2006(INI)), adottat mill-Plenarja f'Ottubru 2011. L-osservazzjoni tal-Parlament fir-rapport, jiġifieri li "l-armonizzazzjoni ta' ċerti oqsma tal-liġi dwar l-insolvenza hija vallapena u tista' tinkiseb", għadha valida sal-lum. Ma jistax jiġi traskurat l-fatt li "differenzi bejn liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza jgħallqu vantaġġi jew żvantaġġi kompetittivi u diffikultajiet għall-kumpaniji li jwettqu attivitajiet transkonfinali li jistgħu jikkostitwixxu ostakoli għar-ristrutturar ta' suċċess ta' kumpaniji insolventi".

L-insolvenzi transkonfinali mhumiex eżenzjoni iżda fenomenu ta' kuljum mhux biss fir-rigward ta' kumpaniji (gruppi) kbar, iżda jolqtu wkoll lill-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju. Hemm data suffiċjenti disponibbli dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Insolvenza Ewropew li tagħmilha possibbli li nindirizzaw il-kwistjonijiet l-aktar pressanti. Hemm ħafna argumenti li jappoġġaw il-proċess ta' riforma, fosthom il-modernizzazzjoni tal-Liġi tal-UE dwar l-Insolvenza, sabiex ineħħu l-attenzjoni minn sempliċement l-istralċ ta' kumpanija għal l-ġhoti ta' ċans ieħor lin-negozji.

L-abbozz ta' rapport jappoġġja l-bidliet proposti mill-Kummissjoni. Ħafna emendi proposti la għandhom l-għan li jibdlu l-istruttura tal-proposta tal-Kummissjoni u lanqas li jdaħħlu elementi ġodda iżda ħafna minnhom jissuġġerixxu kjarifiki jew jagħmlu t-test konsistenti mal-acquis.

Il-Kummissjoni identifikat ħames nuqqasijiet importanti li jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-emendi għall-ambitu tar-Regolament dwar l-Insolvenza proposti mill-Kummissjoni huma meħtieġa sabiex jiġu koperti l-mekkaniżmi addizzjonali ta' ristrutturar. Madankollu, hemm dubji dwar jekk, taħt ċerti kundizzjonijiet, għandux ikun possibbli li l-proċedimenti ta' falliment jinfetħu mingħajr l-involviment tal-qrati, għax f'tali sitwazzjoni ikun komplitu tar-rappreżentant tal-insolvenza maħtur li jistabbilixxi l-ċentru prinċipali tal-interessi (COMI). Dan jista' jmur kontra l-għan tat-titjib taċ-ċertezza legali u l-evitar ta' *forum shopping* u għalhekk tħassar.

It-titjib tal-COMI billi dan isir konformi mal-każistika rilevanti tal-QtĠ huwa punt milqugħ tajjeb ħafna. F'dan ir-rigward, fir-rapport ta' inizjattiva leġiżlattiva tiegħu, il-Parlament sostna li d-definizzjoni ta' COMI għandha tqis tali fatturi bħat-tranżazzjoni prinċipali aċċertabbli esternament tal-operazzjonijiet tan-negozju, il-post tal-assi, iċ-ċentru tal-attivitajiet tal-operazzjoni jew tal-produzzjoni, eċċ.. Sabiex wieħed ma jiffokax biss fuq id-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni u jħalli barra l-kwistjoni tal-post tal-assi, iddaħħlet emenda waħda fil-premessa 13(a).

Kif talab ukoll il-Parlament, l-abbozz ta' rapport jappoġġja l-ħolqien ta' reġistru tal-UE li jagħmilha possibbli li l-kredituri u l-qrati jiddeterminaw jekk infethux jew le proċedimenti ta' falliment fi Stat Membru ieħor. Ir-reġistru għandu jkun inkorporat fil-portal e-justice u għandu jinkludi l-informazzjoni kollha rilevanti dwar proċedimenti ta' falliment transkonfinali miftuħa. Tali reġistru huwa vitali sabiex jissaħħu l-pubbliċità u t-trasparenza.



L-abbozz ta' rapport jilqa' wkoll is-suġġerimenti tal-Kummissjoni dwar il-proċedimenti sekondarji. Barra minn hekk, l-abbozz ta' rapport jiformula wkoll kriterji minimi li għandu jissodisfa impenn mogħti minn rappreżentant tal-insolvenza lill-kredituri lokali sabiex dan ikun infurzabbli u vinkolanti. Dan jikkjarifika wkoll li kwalunkwe deċiżjoni li tipposponi jew tirrifjuta l-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji tista' jiġi kkontestata mill-kredituri lokali. L-aħħar punt iżda ugwalment importanti, l-abbozz ta' rapport jindirizza wkoll il-kwistjoni importanti ta' x'jiġri jekk ir-rappreżentant tal-insolvenza josservax l-impenn. F'każ bħal dan il-kredituri lokali għandu jkollhom id-dritt li jfittxu protezzjoni permezz ta' ordni tal-qorti, pereżempju billi tiġi projbita t-tneħħija mill-assi (l-Artikolu 29a(2b)).

Fl-aħħarnett, jeħtieġ li jiġu fformulati soluzzjonijiet xierqa biex jiġu trattati fallimenti ta' gruppi ta' kumpaniji. Il-Parlament, fir-rapport tiegħu ta' inizjattiva leġiżlattiva, talab lill-Kummissjoni proposta flessibbli għar-regolamentazzjoni tal-insolvenza ta' gruppi, b'distinzzjoni bejn żewġ xenarji, jiġifieri gruppi fejn il-proprjetà tkun pjuttost ċara u gruppi deċentralizzati. Għallissa, il-Kummissjoni mhix qed tagħti segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament iżda qed tiffoka fuq it-tiġid tal-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni ta' proċedimenti differenti ta' falliment. Proċedimenti ta' falliment adegwati u kkoordinati sew jistgħu tabilħaqq jgħinu biex tiġi evitata l-likwidazzjoni ta' gruppi u tizzied il-possibbiltà ta' realizzazzjoni aħjar tal-assi u l-preservazzjoni tal-impjiegi.

Madankollu, l-abbozz ta' rapport imur pass ulterjuri billi jiformula soluzzjoni aktar ambizzjuża dwar l-insolvenza ta' gruppi ta' kumpaniji. Din is-soluzzjoni tista' tinftiehem bħala kompromess bejn l-approċċ ta' "koordinament u komunikazzjoni" tal-Kummissjoni u l-pożizzjoni tal-Parlament meħuda fir-rapport ta' inizjattiva leġiżlattiva. Qed jiġi ssuġġerit li jinħatar koordinatur li mhux biss għandu jidentifika u jiddeskrivi r-rakkomandazzjonijiet għal twettiq koordinat tal-proċedimenti ta' falliment (l-Artikolu 42f(1)(a)), iżda wkoll li jippreżenta pjan ta' koordinament tal-grupp li jidentifika, jiddeskrivi u jirrakkomanda firxa komprensiva ta' miżuri għar-riżoluzzjoni tal-fallimenti tal-membri tal-grupp (l-Artikolu 42f(1)(c)). Dan il-pjan ta' koordinament jeħtieġ jiġi approvat minn qorti. Ir-rappreżentanti tal-insolvenza għandhom l-opportunità jikkummentaw dwar il-pjan qabel l-approvazzjoni tiegħu (l-Artikolu 42g(1)). Madankollu, il-pjan ta' koordinament tal-grupp mhux vinkolanti għall-prattikanti tal-insolvenza li jistgħu jiddevjaw minn tali pjan (l-Artikolu 42h).

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment		
<b>Referenzi</b>	COM(2012)0744 – C7-0413/2012 – 2012/0360(COD)		
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	12.12.2012		
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 15.1.2013		
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 15.1.2013	LIBE 15.1.2013	
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ECON 14.1.2013	LIBE 22.1.2013	
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Klaus-Heiner Lehne 18.12.2012		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	24.4.2013	16.9.2013	4.11.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.12.2013		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: –: 0:	20 1 3	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Dimitar Stoyanov, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka		
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sergio Gaetano Cofferati, Eva Lichtenberger, József Szájer		
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Silvia Costa, Jürgen Klute, Kay Swinburne		
<b>Data tat-tressiq</b>	20.12.2013		